MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 446/2012

Il-Pulizija

(Spettur Jurgen Vella)

vs

**Jean Claude Cassar**

iben Carmel, imwieled San Giljan, fit-2 ta' Novembru, 1974, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 528374(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jean Claude Cassar quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

A) Filwaqt li kien fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin gewwa Rahal Gdid, nhar is-16 ta' Gunju, 2006, ghal habta tas-2.15 ta' wara nofsinhar, bi vjolenza u b'theddid gieghel lis-surgent tal-Pulizija 959 Wistin Micallef u lill-kuntistabbli tal-Pulizija 1367 Cedric Mifsud, bhala ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom u dan bi ksur ta' l-artiklu 91 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna tal-kuntisabbli tal-Pulizija 1367

Cedric Mifsud, bhala persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi fl-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skont il-Ligi mill-awtorita' kompetenti u dana bi ksur ta' l-artiklu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

C) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ngurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' l-istess kuntistabbli tal-Pulizija 1367 Cedric Mifsud, bhala persuna ta' wiehed inkarigat skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' l-artiklu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

D) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kien fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin gewwa Rahal Gdid, ma' obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma' halliex jew fixkel waqt li l-Pulizija li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u dana bi ksur ta' l-artiklu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

E) Fl-istess data, lok u cirkostanzi, stieden ghall-glied lill-kuntistabbli tal-Pulizija 1367 Cedric Mifsud, bil-kliem ″Ejja erfa' idek fuqi halli nkissrek″.

F) Fl-istess data, hin u lok qal kliem ta' theddid fil-konfront tal-familja tal-kuntistabbli tal-Pulizija 1367 Cedric Mifsud u dana bi ksur ta' l-artiklu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

G) Fl-istess data, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen, indecenti u dagha bi ksur ta' l-artiklu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

H) Fl-istess data, hin u lok, volontarjament kiser il-buon ordni u il-kwiet tal-pubbliku u dana bi ksur ta' l-artiklu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl-istess cirkostanzi sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema saru definittivi. Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Ottubru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 49, 50, 31, 91, 95, 96, 338(bb), 338(ee), 338(dd), 339(1)(a)(e) tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u ikkundannatu disa' (9) xhur prigunerija.

B'applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti obbligat lill-imputat b'garanzija personali ghal zmien tnax (12) il-xahar millum taht penali ta' hames mitt ewro (€500) milli jimmolesta jew jivvessa lill-PC 1367 Cedric Mifsud u lill-familja tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant tal-11 ta' Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka is-sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhalaQorti ta' Gudikatura Kriminali u dan billi tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, u fin-nuqqas tipprovdi ghal piena aktar miti u idoneja.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u l-aspetti tad-dritt.

Illi l-linja difensjonali tal-appellant kienet *in-ne bis in idem.* Id-difiza tieghu hi fis-sens li l-esponent kien diga gie kkastigat ghall-istess akkadut mill-awtoritajiet tal-habs, u inghata piena ta' erba' u ghoxrin siegha rekluzjoni.

Illi hawnhekk huwa jispjega illi fil-jum tal-akkadut x'hin tnizzel lura mid-depot tal-pulizija. Gie maqful fic-cella sal-ghada fil-ghodu. Illi dwar din l-eccezzjoni l-esponent diga kellu okkazjoni jirrelata ampjament permezz ta' nota ta' sottomisjonijiet appozita.

Illi jinghad inoltre illi l-ewwel qorti f'dan ir-rigward. ghamlet apprczzament skorrett tal-provi meta strahet solament fuq ir-records tal-habs. Dan qed jinghad peress li huwa ben not skont il-procedura tal-habs, li sabiex kastig jitnizzel fir-records ikun irid isir rapport bil-miktub u li jkun jidher quddiem bord tad-dixxiplina. Fil-kaz in dizamina il-kastig inghata b'mod sommarju minghajr il-formalizmu msemmi,

Illiinoltre l-esponent jissottometti li l-akkuzi (B) u (C) ghandhom jigu assorbiti fl-ewwelakkuza ghaliex huma mezz ghall-fini tal-istess.

Illi finalment l-esponent ghandu l-aggravju dwar il-piena peress li jidhrilu li fic-cirkostanza din kienet wahda eccesiva. F'dan ir-rigward l-esponent jaghmel ampja referenza ghar-rapport tal-probation officer li huwa wiehed favorevoli. L-esponent ukoll jemfasizza l-fatt li dan il-kaz jirrisali ghat-2006, u li ghalhekk dan id-dewmien ghandu ukoll jittiehed in konsiderazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.
F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef, kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-fatt li hu kien ikkastigat mill-awtoritajiet tal-habs u kien inghata erbgha u ghoxrin siegha rekluzjoni. L-ewwel Qorti rrimarkat li ma hemm ebda prova ta' dan ghajr ghax-xhieda ta' l-imputat appellant. Din il-Qorti hi ta' l-istess fehma ghaliex l-ufficjal tal-habs li xehed quddiem l-ewwel Qorti ndika li l-imputat appellant kien gie kkastigat izda mhux ghal dan l-incident izda ghall-incident iehor. Hu ma kellu ebda 'record' ta' dak li xehed l-imputat appellant. Ghalhekk, dan l-aggravju ma jistax jirnexxi u huwa michud.

Illi ghal kumplament ta' dan l-appell din il-Qorti taqbel mal konkluzjonjiet milhuqa mill-ewwel Qorti.

Illi l-appellant hu tal-fehma li l-ewwel Qorti mponiet piena eccessiva. Fic-cirkostanzi normali ta' dan il-kaz l-piena hi wahda gusta izda din il-Qorti ser taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet. Dan il-kaz kellu l-bidu tieghu fis-16 ta' Gunju, 2006 u is-sentenza nghatat fil-5 ta' Ottubru, 2012. L-appellant sahaq li dan il-kaz ha z-zmien tieghu biex jigi deciz izda l-appellant qed jinsa li t-tort kollu ta' dan id-dewmien kien hu stess meta naqas li jidher ghall-kawza ripetutament. Illum l-appellant qed jiskonta piena karcerarja li waslet lejn it-tmiem taghha. Il-Qorti giet infurmata li hu qed johrog jahdem kuljum u jirritorna fil-Facilita' Korrettiva bejn il-hamsa u is-siita ta' fil-ghaxija. Hawnhekk, ghandu jigi rilevat li jidher li l-appellant qed jibda jrabbi l-ghaqal. Fil-fatt dan il-punt gie rilevat ukoll fir-rapport tal-probation officer li kienet qed issegwi lill-appellant. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena erogata mill-ewwel Qorti ghandha tigi temperata, mhux ghaliex l-ewwel Qorti ghamlet xi zball fl-erogazzjoni tal-istess, izda ghaliex l-appellant ghandu jigi meghjun fil-hajja tieghu. Il-fedina penali tal-appellant mhiex wahda sabieha izda kif hemm indikat fir-rapport hawn fuq imsemmi c-cirkostanzi partikolari ta' tfulitu sawwruh kif inhu llum. Fil-fatt din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha moghtija fit-18 ta' Jannar, 2001 fl-ismijiet: 'Il-Pulizija v. George Farrugia (per Imhallef Vincent Degaetano) fejn il-Qorti ndikat li:

> "...tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna 'a window of opportunity' li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."

Il-kuntest ta' dak l-appell kien ftit differenti minn dan izda tali principju jimmilta favur gustizzja liberali li l-ghan ahhari taghha hija li l-imputat ihallas l-obbligi tieghu lejn is-socjeta' u immedjatament wara ghandu jsir ir-re-integrazzjoni tieghu. Fic-cirkostanzi ta' dan

il-kaz l-imputat appellant ghandu jinghata l-ahhar opportunita' biex wara li jiskonta din il-piena jkun jista' jibda fl-ahhar hajja gdida.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Jean Claude Cassar u tikkonferma s-sentenza appellata ghajr il-piena. Dwar il-piena thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok il-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija tikkundannah ghal piena ta' tlett (3) xhur prigunerija. L-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali hu wkoll ikkonfermata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------